**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT**
**DR. CAROL M. PERALTA LL.D.**

**AWLA 7**

**Illum 30 ta' April 2002.**

**Pulizija**
**Spettur Helga Debono**

**Vs**

**Nada Cachia**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Nada Cachia ta' 26 sena, bint Paul u Mary nee' Mamo, imwielda l-Kanada fid-9 ta' Ottubru 1975 u residenti 17/5, Verde Mare, Triq il-Wizna, Swieqi, detentur tal-karta tal-Identita' bin-numru 15939A;

Talli f'dawn il-Gzejjer, fit-18 ta' Lulju 2001 u fiz-zmien ta' qabel, gewwa l-fond DVD 2000, Triq Censu Busuttil, B'Kara, qaghdet fic-cirkolazzjoni, bieghhet jew zammet ghall-bejgh, jew importat ghall-hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebhin b'qerq u cioe' diversi videos u CDs u dan bi ksur tal-artikolu 298(1)(f) tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara illi rat l-Artikolu 298(1)(f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkonsidrat:

Illi wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, semghet ix-xhieda prodotta u rat id-dokumenti ezebiti, din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmija Nada Cachia hatja ta' kif akkuzata u qeghda tilliberaha bil-kondizzjoni li ma tikkommettix reat iehor fiz-zmien tmintax (18) il-xahar mil-lum, a tenur tal-artikolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputata.

MAGISTRAT.